Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Affarijiet Barranin

2025/2083(INI)

2.5.2025

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar l-istrateġija politika tal-UE dwar l-Amerka Latina
(2025/2083(INI))

Kumitat għall-Affarijiet Barranin

Rapporteur: Davor Ivo Stier

WERREJ

Paġna

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW 3

NOTA SPJEGATTIVA 8

ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM 9

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar l-istrateġija politika tal-UE dwar l-Amerka Latina
(2025/2083(INI))

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari t-Titolu V tiegħu dwar l-azzjoni esterna tal-UE,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-2 ta' April 2025 dwar l-implimentazzjoni tal-politika estera u ta' sigurtà komuni – rapport annwali 2024[1],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu dwar il-Venezwela, b'mod partikolari dik tal-21 ta' Jannar 2025 dwar is-sitwazzjoni fil-Venezwela wara l-użurpazzjoni tal-presidenza fl-10 ta' Jannar 2025[2], u dik tad-19 ta' Settembru 2024 dwar is-sitwazzjoni fil-Venezwela[3], dwar Kuba, b'mod partikolari dik tat-12 ta' Lulju 2023 dwar l-istat tal-Ftehim ta' Djalogu Politiku u ta' Kooperazzjoni bejn l-UE u Kuba fid-dawl taż-żjara reċenti tar-Rappreżentant Għoli fil-gżira[4], u dik tad-19 ta' Settembru 2024 dwar il-każ ta' José Daniel Ferrer García f'Kuba[5], u dwar in-Nikaragwa, b'mod partikolari dik tat-13 ta' Frar 2025 dwar ir-repressjoni mir-reġim ta' Ortega-Murillo fin-Nikaragwa, b'mod partikolari kontra d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, l-avversarji politiċi u l-komunitajiet reliġjużi[6],

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni konġunta tal-Kummissjoni u tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà tas-7 ta' Ġunju 2023 bit-titolu "Aġenda Ġdida għar-Relazzjonijiet bejn l-UE u l-Amerka Latina u l-Karibew" (JOIN(2023)0017),

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni konġunta tal-Kummissjoni u tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà tal-1 ta' Diċembru 2021 bit-titolu "Il-Portal Globali" (JOIN(2021)0030),

– wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni ES-11/1 tal-Assemblea Ġenerali tan-NU tat-2 ta' Marzu 2022 bit-titolu "L-aggressjoni kontra l-Ukrajna",

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC) u l-Ftehim ta'Pariġi, adottat waqt il-21 Konferenza tal-Partijiet għall-UNFCCC, fit-12 ta' Diċembru 2015,

– wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni tas-Summit 2023 li sar fi Brussell fis-17 u t-18 ta' Lulju 2023 bejn l-UE u l-Komunità ta' Stati tal-Amerka Latina u tal-Karibew (CELAC),

[1] Testi adottati, P10_TA(2025)0057.
[2] ĠU C, C/2025/2148, 23.4.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/2148/oj.
[3] ĠU C, C/2024/7215, 10.12.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2024/7215/oj.
[4] ĠU C, C/2024/4001, 17.7.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2024/4001/oj.
[5] ĠU C, C/2024/7213, 10.12.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2024/7213/oj.
[6] ĠU C, C/2025/2249, 29.4.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/2249/oj.

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Iżvilupp,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (A10-0000/2025),

A. billi l-UE u n-nazzjonijiet tal-Amerka Latina u tal-Karibew (ALK) jikkondividu rabtiet storiċi, kulturali u ekonomiċi li ilhom jeżistu, u jiffurmaw alleanza naturali bbażata fuq id-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem u l-kooperazzjoni multilaterali;

B. billi l-impenn bejn iż-żewġ reġjuni huwa msaħħaħ aktar permezz ta' relazzjonijiet bilaterali b'saħħithom u interazzjonijiet aktar profondi ma' entitajiet subreġjonali bħall-Mercosur, il-Komunità Andina, il-CARICOM/CARIFORUM u l-Alleanza tal-Paċifiku;

C. billi l-UE u l-pajjiżi tal-ALK flimkien jikkostitwixxu terz tal-popolazzjoni totali tal-membri tan-Nazzjonijiet Uniti u madwar 21 % tal-PDG globali;

D. billi l-ordni multilaterali bbażat fuq ir-regoli li fuqu kienu bbażati l-paċi u l-prosperità għal dawn l-aħħar 80 sena qed jiġi sfidat dejjem aktar mill-awtokraziji madwar id-dinja;

E. billi l-aggressjoni militari tar-Russja kontra l-Ukrajna tikkostitwixxi ksur flagranti tad-dritt internazzjonali, thedded is-sigurtà globali, u tirrikjedi pożizzjoni kkoordinata minn naħa tas-sħab demokratiċi, inklużi dawk fl-ALK;

F. billi l-atturi esterni, b'mod partikolari ċ-Ċina, ir-Russja u l-Iran, approfondew l-impronta tagħhom fl-ALK: Beijing espandiet l-investimenti fl-infrastruttura, Moska saħħet il-preżenza diplomatika u ta' sigurtà tagħha u Tehran żied l-attivitajiet ta' intelligence fir-reġjun;

G. billi l-azzjonijiet meħuda mill-amministrazzjoni Trump tal-Istati Uniti qed isawru mill-ġdid id-dinamika ġeopolitika globali, u jippreżentaw kemm sfidi għas-sħubija strateġika UE-ALK kif ukoll opportunitajiet biex din tiġi mġedda fl-2025;

H. billi s-summit UE-CELAC ta' Novembru 2025 fil-Kolombja se jkun opportunità ewlenija biex jiġi affermat mill-ġdid l-impenn tal-UE lejn l-ALK u jintwera li l-Ewropa hija sieħeb affidabbli;

L-importanza ġeopolitika tad-djalogu politiku UE-ALK

1. Jagħraf ir-rabtiet storiċi, kulturali u ekonomiċi profondi bejn l-UE u l-ALK, li jiffurmaw mhux biss il-pedament ta' alleanza naturali iżda wkoll il-bażi ta' sħubija b'saħħitha u dejjiema ta' għażla;

2. Jinnota li l-involviment tal-UE fir-reġjun ma kienx l-aħjar li seta' kien f'dawn l-aħħar deċennji, u għalhekk ħoloq vakwu għall-influwenza li qed tikber miċ-Ċina, mir-Russja u mill-Iran;

3. Jirrikonoxxi l-ħtieġa urġenti li tiġġedded u tiġi żviluppata r-relazzjoni bejn l-UE u l-ALK b'reazzjoni għat-tibdil ġeopolitiku emerġenti, għat-tibdil fil-klima, għall-avvanzi teknoloġiċi u għall-inugwaljanzi li qed jikbru;

4. Jitlob biex l-UE u l-Istati Membri tagħha jżidu l-isforzi diplomatiċi fir-reġjun biex jippromwovu konverġenza akbar bejn l-UE u l-ALK dwar kwistjonijiet kruċjali ta' politika barranija, inkluża pożizzjoni aktar soda dwar il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna;

5. Iħeġġeġ kollaborazzjoni aktar profonda bejn l-UE u l-ALK f'fora internazzjonali għall-promozzjoni u għad-difiża tal-ordni globali multilaterali, tad-dritt internazzjonali u tar-rispett għad-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem;

6. Jinsab imħasseb dwar ir-rigress demokratiku li seħħ fl-ALK mill-2019 u jikkundanna r-reġimi fin-Nikaragwa, f'Kuba u fil-Venezwela, li huma fost l-aktar awtoritarji fid-dinja; ifakkar li r-reġim fin-Nikaragwa qed iżomm rabtiet b'saħħithom ma' awtokraziji oħra, bħal pereżempju dawk fl-Iran, fil-Venezwela u f'Kuba; jikkundanna l-ksur u l-abbużi sistematiċi tad-drittijiet tal-bniedem min-naħa tar-reġim Kuban; jikkundanna bil-qawwa u jirrifjuta kategorikament il-frodi elettorali orkestrata mir-reġim fil-Venezwela u jeżiġi li l-gvern ta' Maduro jwaqqaf il-politika ta' repressjoni tiegħu u l-attakki fuq is-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni;

Kooperazzjoni ekonomika

7. Jilqa' s-sħubija ekonomika u kummerċjali b'saħħitha bejn l-UE u l-ALK, liema sħubija hija bbażata fuq interessi kondiviżi għall-promozzjoni tat-tkabbir sostenibbli, għat-tisħiħ tar-reżiljenza ekonomika u għat-tnaqqis tad-dipendenzi eċċessivi permezz ta' relazzjonijiet kummerċjali diversifikati;

8. Jenfasizza l-fatt li l-UE hija l-akbar investitur fir-reġjun tal-ALK u t-tielet l-akbar sieħeb kummerċjali;

9. Jagħraf in-network dens ta' ftehimiet bejn iż-żewġ reġjuni u jisħaq fuq l-importanza ġeopolitika fundamentali li jiġu promulgati ftehimiet u sħubijiet ġodda u aktar ambizzjużi;

10. Jilqa' l-iffirmar tal-Ftehim Qafas Avvanzat bejn l-UE u ċ-Ċilì u jitlob ir-ratifika malajr u sħiħa tiegħu; jilqa' l-konklużjoni tan-negozjati dwar il-Ftehim ta' Sħubija bejn l-UE u l-Mercosur u l-Ftehim Globali bejn l-UE u l-Messiku u jitlob l-iffirmar u r-ratifika malajr tagħhom;

Il-kooperazzjoni bejn l-UE u l-ALK fl-isfond tal-inizjattiva tal-Portal Globali

11. Jenfasizza l-fatt li l-UE hija l-kontributur ewlieni għall-kooperazzjoni għall-iżvilupp fl-ALK, u jitlob lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jużaw b'mod strateġiku inizjattivi ewlenin bħall-Portal Globali biex iżidu l-investiment fl-ALK, filwaqt li jiżguraw li l-UE tibqa' sieħba b'saħħitha u kompetittiva għall-pajjiżi tal-ALK minħabba l-preżenza Ċiniża li qed tikber fir-reġjun;

Kooperazzjoni dwar is-sigurtà

12. Jinsab imħasseb dwar iż-żieda fil-kriminalità organizzata u fit-traffikar tad-droga fl-ALK u l-kwantitajiet bla preċedent ta' drogi illeċiti ttraffikati lejn l-UE mir-reġjun; jenfasizza li hemm bżonn tiżdied il-kooperazzjoni multilaterali fil-ġlieda kontra dan it-

theddid permezz ta' inizjattivi bħas-Sħubija UE-ALK dwar il-Ġustizzja u s-Sigurtà u EL PAcCTO 2.0;

13. Jissottolinja l-importanza tal-impenn strateġiku bejn il-ministri tal-intern u/jew tas-sigurtà tal-Istati Membri tal-UE u l-ministri b'responsabbiltà għal kwistjonijiet ta' sigurtà fl-Istati Membri tal-Kumitat tal-Amerka Latina għas-Sigurtà Interna u għat-tisħiħ tal-kooperazzjoni operazzjonali fl-infurzar tal-liġi bejn l-UE u l-ALK;

14. Jilqa' l-isforzi biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni tas-sigurtà reġjonali permezz tal-espansjoni tal-Kumitat għas-Sigurtà Interna tal-Amerka Latina u l-istabbiliment ta' AMERIPOL bħala korp formalizzat għall-infurzar tal-liġi, li jiffaċilita l-koordinazzjoni transfruntiera;

15. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu indirizzati l-kawżi ewlenin tal-kriminalità organizzata, inklużi l-korruzzjoni, il-governanza dgħajfa u l-inugwaljanza soċjali, u jirrakkomanda approċċ li jgħaqqad l-infurzar tal-liġi ma' politiki soċjali fit-tul;

Ġustizzja, drittijiet tal-bniedem u stat tad-dritt

16. Jilqa' l-kooperazzjoni kontinwa bejn l-UE u l-ALK biex jiġu rispettati d-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem u l-governanza tajba, bil-missjonijiet ta' osservazzjoni elettorali tal-UE jaqdu rwol ewlieni biex jappoġġjaw elezzjonijiet ġusti u biex jiżguraw it-trasparenza;

Kooperazzjoni parlamentari

17. Jilqa' l-approfondiment tal-kooperazzjoni parlamentari bejn l-UE u l-ALK, b'mod partikolari permezz tal-Assemblea Parlamentari Ewro-Latino-Amerikana, li tippromwovi d-djalogu dwar kwistjonijiet ewlenin bħall-kummerċ, is-sigurtà u l-iżvilupp sostenibbli;

18. Jindika r-rwol kruċjali tad-diplomazija parlamentari fit-tisħiħ tar-relazzjonijiet bireġjonali billi jiġi ffaċilitat id-djalogu dirett mal-parlamenti nazzjonali u reġjonali;

Rakkomandazzjonijiet għas-summit UE-CELAC ta' Novembru 2025

19. Jilqa' l-laqgħa UE-CELAC fl-2023 u l-implimentazzjoni ta' inizjattivi taħt il-Pjan Direzzjonali UE-CELAC 2023–2025; jissottolinja, f'dan ir-rigward, il-ħtieġa li jiġi adottat pjan direzzjonali ġdid u ambizzjuż fis-summit tal-2025 li jkompli jsaħħaħ is-sħubija u jqis l-aħjar prattiki;

20. Jitlob lill-partijiet jaffermaw mill-ġdid l-impenn konġunt tagħhom għall-multilateraliżmu u għall-paċi fis-summit ta' Novembru 2025;

21. Jitlob lill-partijiet jikkundannaw bil-qawwa l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja li għaddejja bħalissa, b'mod partikolari l-ksur serju kollu tagħha tad-dritt internazzjonali u tad-dritt umanitarju internazzjonali;

22. Iqis li huwa importanti li l-UE u l-ALK jaqblu li jixprunaw b'mod konġunt inizjattivi ekoloġiċi globali, bħan-negozjati għal trattat internazzjonali biex jiġi evitat it-tniġġis mill-plastik;

23. Jinkoraġġixxi kooperazzjoni b'saħħitha kontinwa dwar kwistjonijiet diġitali permezz tal-Alleanza Diġitali UE-ALK bl-għan li titrawwem trasformazzjoni diġitali ffukata fuq il-bniedem fiż-żewġ reġjuni;

24. Itenni t-talba tiegħu li tiżdied b'mod sostanzjali l-kooperazzjoni bireġjonali fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u t-traffikar tad-droga;

°

° °

25. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà.

NOTA SPJEGATTIVA

Bħala rapporteur għal din l-inizjattiva importanti, għandi l-pjaċir nippreżenta rapport li jirrifletti viżjoni mġedda u strateġika għas-sħubija tal-Unjoni Ewropea mal-Amerka Latina u l-Karibew (ALK). Dan ir-rapport wasal fi żmien ta' trasformazzjoni ġeopolitika profonda, li fih il-valuri demokratiċi kondiviżi tagħna, l-impenn tagħna għall-multilateraliżmu, u r-rispett tagħna għad-dritt internazzjonali qed jiġu sfidati dejjem aktar biż-żieda fir-reġimi awtokratiċi u l-instabbiltà globali.

L-Unjoni Ewropea u l-ALK huma alleati naturali. Aħna marbuta b'rabtiet storiċi, kulturali u ekonomiċi profondi, iżda aktar importanti, bid-dedikazzjoni komuni tagħna lejn id-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem, u l-kooperazzjoni internazzjonali bbażata fuq ir-regoli. Madankollu, minkejja dan il-pedament, l-impenn tal-UE fir-reġjun ma kienx biżżejjed f'dawn l-aħħar deċennji, u ħoloq spazju għal atturi globali oħra — b'mod partikolari ċ-Ċina, ir-Russja, u l-Iran — biex jespandu l-influwenza tagħhom.

Għalhekk, dan ir-rapport jitlob impenn mill-ġdid deċiżiv u proattiv. Huwa jħeġġeġ lill-UE tintensifika l-isforzi diplomatiċi, tippromwovi sħubijiet ekonomiċi, u tapprofondixxi l-kooperazzjoni dwar is-sigurtà, il-ġustizzja u t-trasformazzjoni diġitali. Jissottolinja wkoll l-importanza tal-inizjattiva tal-Portal Globali biex jiżdied l-investiment u tissaħħaħ il-preżenza tal-UE bħala sieħeb kompetittiv u affidabbli fir-reġjun. F'dan il-kuntest, il-konklużjoni u r-ratifika tal-Ftehim bejn l-UE u l-Mercosur huma ta' importanza ġeopolitika u ekonomika fundamentali biex nerġgħu nqajmu r-rabtiet bireġjonali.

Nenfasizzaw il-ħtieġa li nibqgħu magħqudin dwar kwistjonijiet ewlenin ta' politika barranija, b'mod partikolari fid-difiża tal-ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli. Dan jinkludi pożizzjoni ċara u kkoordinata b'reazzjoni għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u għall-kundanna tal-azzjonijiet ta' reġimi awtoritarji fin-Nikaragwa, f'Kuba u fil-Venezwela.

Fl-istess ħin, nenfasizzaw ir-rwol vitali tad-diplomazija parlamentari, u nħarsu 'l quddiem lejn is-Summit UE-CELAC ta' Novembru 2025 bħala opportunità kruċjali biex naffermaw mill-ġdid l-impenn tagħna għal sħubija moderna mmexxija mill-valuri li tagħti riżultati għaż-żewġ reġjuni.

Fil-qosor, dan ir-rapport jirrifletti sejħa għal azzjoni: biex nimxu lil hinn mir-retorika u niżguraw li r-relazzjoni UE-ALK issir sħubija vera ta' għażla — ambizzjuża, ibbilanċjata u msejsa fuq prinċipji kondiviżi.

ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM

F'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura, ir-rapporteur jiddikjara li rċieva kontribut mill-entitajiet jew il-persuni li ġejjin fit-tħejjija tal-abbozz ta' rapport:

Entità u/jew persuna
Grupp UE-LAC

Il-lista ta' hawn fuq hija mfassla taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-rapporteur.

Meta persuni fiżiċi jkunu identifikati fil-lista b'isimhom, bil-funzjoni tagħhom jew bit-tnejn, ir-rapporteur jiddikjara li ppreżenta lill-persuni fiżiċi kkonċernati l-Avviż tal-Parlament Ewropew Nru 484 dwar il-Protezzjoni tad-Data (https://www.europarl.europa.eu/data-protect/index.do), li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet applikabbli għall-ipproċessar tad-data personali tagħhom u d-drittijiet marbuta ma' dak l-ipproċessar.